# ĊELEBRAZZJONI MARJANA

# "AVE MARIA"



**Introduzzjoni**

***Stedina għat-tifħir (bil-wieqfa)***

*Ċelebrant:* Imbierka int bint Alla l-għoli, aktar min-nisa kollha!

***Assemblea:* U mbierek il-Mulej li ħalaq is-sema u l-art.**

***Kulħadd:* Int glorja ta' Ġerusalemm, int il-foħrija ta' Iżrael, int il-ġieħ tal-poplu tagħna.**

*Kant*

***Tislima u ammonizzjoni***

*Ċel:* L-imħabba tal-Missier li għażel lil Maria, il-grazzja u s-sliem tal-Iben u d-don tal-Ispirtu s-santu, ikunu magħkom ilkoll.

***Ass:* U miegħek ukoll.**

*Ċel:* L-Ave Maria hija t-talba lill-Verġni Marija l-aktar għażiża għad-devozzjoni tal-poplu t'Alla. Hija talba bibblika, għax l-ewwel parti – it-tislima tal-anġlu Gabrijel lil Marija u l-esklamazzjoni ta' tifħir ta' Elizabetta – hija meħuda mill-Vanġelu skont San Luqa; hija talba tal-Knisja, għax tirrifletti l-esperjenza tal-Knisja u tesprimi l-fidi tagħha fil-maternità divina u fl-interċessjoni kollha ħniena tal-Verġni Marija; hija talba liturġika għax tingħad f'diversi ċelebrazzjonijiet tal-uffiċċju divin u tal-

misteri qaddisa; hija finalment talba popolari għax tikkostitwixxi l-qalba essenzjali tat-talb popolari tant mifrux u maħbub mill-poplu Nisrani, bħall-Angelus Domini u r-Rużarju mqaddes.

L-Ave Maria hija talba konċiża u mimlija kontenut; tibda billi tikkontempla l-qdusija ta' Marija u l-maternità divina tagħha, imbgħad issir supplika favur l-umanità feruta mid-dnub, talba għall-għajnuna materna tal-Verġni Marija f'din is-siegħa preżenti u fl-aħħar siegħa tal-ħajja.

*Kant: Hawn jien ġej*

*******************************************************

## L-EWWEL TAQSIMA: AVE MARIA

**1**

**"Ifraħ Marija"**

**Introduzzjoni** *(bil-qegħda)*

*Lettur 1:* "Ave Marija, ifraħ Marija". It-tislima tal-anġlu Gabrijel tiftaħ it-talba tal-Ave. Huwa Alla nnifsu li permezz tal-anġlu tiegħu jsellem lil Marija. It-talba tagħna tipprova terġa titlaq mit-tislima lil Marija bil-

ħarsa li Alla xeħet fuq il-qaddejja umli tiegħu u jferraħna bil-ferħ li hu jsib fiha (KKK 2676).

**Qari mill-Kelma t'Alla**

*Lettur 2: Mill-ktieb tal-profeta Sofonija*

Għajjat bil-ferħ ta' qalbek, bint Sijon, Iżrael, samma' leħnek! Infexx fl-hena u ifraħ b'qalbek kollha, bint Ġerusalemm! Il-Mulej, Alla tiegħek, qiegħed f'nofsok, gwerrier li jsalva; minħabba fik jithenna b'hena kbir, fi mħabbtu jġeddek, jinfexx minħabba fik f'għajjat ta' ferħ.

Il-Kelma tal-Mulej...

*Kant: Alleluia (nibqgħu bil-qegħda)*

*Lettur 3: Mill-ktieb tal-Apokalissi*

U smajt bħal leħen ta' kotra kbira u bħal ħoss ta' ilmijiet kotrana u bħal tkarwit ta' ragħad qawwi, jgħidu: "Hallelujah! Għax ħa s-saltna l-Mulej, Alla tagħna li jista' kollox. Nifirħu u nithennew u nagħtuh glorja, għax wasal it-tieġ tal-Ħaruf, u l-Għarusa tiegħu ħejjiet ruħha, u lilha ngħata li tilbes għażel fin jgħammex l-għajnejn - għax l-għażel fin ifisser l-għemejjel tajba tal-qaddisin."

Il-Kelma tal-Mulej...

*Kant tas-Sliema (bil-wieqfa)*

**Talba**

*Ċel:* Santa Marija, verġni għarusa ta' Ġużeppi, bit-tislima tal-Anġlu waslet is-siegħa tal-ferħ tal-Messija, twettiq tal-istennija ta' Israel, sebħ ta' żminijiet ġodda. Għallimna o Verġni umli biex inwettqu bħalek ir-rieda t'Alla u li nfittxu fl-ispirtu l-għajn waħdanija tal-ferħ safi. O Verġni tat-tħabbira, bidu tal-ferħ tagħna, idħol għalina quddiem Ibnek.

***Ass:* Amen**

## 2

## "Mimlija bil-grazzja, il-Mulej miegħek"

**Introduzzjoni** *(bil-qegħda)*

*Lettur 1:* "Mimlija bil-grazzja, il-Mulej miegħek". Iż-żewġ espressjonijiet tat-tislima tal-anġlu jdawwlu lil xulxin. Marija hija mimlija bil-grazzja għax il-Mulej huwa magħha. Il-grazzja li biha hija mimlija hija l-preżenza ta' dak li huwa l-għajn ta' kull grazzja. Ifraħ... bint Ġerusalemm... il-Mulej qiegħed f'nofsok. Marija, li fi ħdanha l-Mulej innifsu għammar, hija l-personifikazzjoni ta' Bint Sijon, tal-Arka tal-Patt, il-post fejn tgħammar il-Glorja tal-Mulej; hija hi "l-għamara ta' Alla mal-bnedmin" (Ap 21,3). "Mimlija bil-grazzja", Marija hija

kollha kemm hi mogħtija lil dak li jgħammar fiha u li hija tagħtih lid-dinja" (KKK 2676).

## Qari mill-Kelma t'Alla

*Lettur 2: Mill-ktieb tal-profeta Isaija*

Nifraħ fuq li nifraħ bil-Mulej, taqbeż bil-ferħ ruħi b'Alla tiegħi. Għax hu libbisni bi lbies is-salvazzjoni, bil-mantar tal-ġustizzja għattieni, bħal għarus imżejjen b'kuruna, bħal għarusa tlellex bil-ġawhar tagħha. Bħalma l-art tnibbet, bħalma l-ġnien inibbet il-miżrugħ fih, hekk il-Mulej inibbet il-ġustizzja u l-foħrija, quddiem kollha kemm huma l-ġnus.

Il-Kelma tal-Mulej...

*Kant: Alleluia (nibqgħu bil-qegħda)*

*Lettur 3: Mill-ktieb tal-Apokalissi*

U rajt sema ġdid u art ġdida, għax is-sema ta' qabel u l-art ta' qabel għabu, u ma kienx hemm iżjed baħar. U l-Belt il-qaddisa, Ġerusalemm il-ġdida, rajtha nieżla mis-sema mingħand Alla, imħejjija bħal għarusa mżejna għall-għarus tagħha. U smajt leħen qawwi ġej mit-tron jgħid: "Din hi l-għamara ta' Alla mal-bnedmin; u hu jgħammar magħhom, u huma jkunu l-poplu tiegħu, u Alla nnifsu jkun magħhom, Alla tagħhom.

Il-Kelma tal-Mulej...

*Kant tas-Sliema (bil-wieqfa)*

**Talba**

*Ċel:* O Verġni liebsa x-xemx, rifless tad-dawl t'Alla, trasparenza tal-Ispirtu: int sibt grazzja quddiem l-Għoli, għalik u għalina. Fis-siegħa tal-periklu ħarisna, o Verġni mimlija bil-grazzja, ħalli xejn ma jtebba' d-dija tal-libsa l-bajda, u fl-aħħar tal-ħajja, nsibu ruħna qaddisin u immakulati quddiem Alla. O Verġni, sbuħija mhux mimsusa, maħbuba minn Alla, idħol għalina quddiem Ibnek.

***Ass:* Amen**

## 3

## "Imbierka inti fost in-nisa"

**Introduzzjoni** *(bil-qegħda)*

*Lettur 1:* "Imbierka inti fost in-nisa"... wara t-tislima tal-anġlu, nagħmlu tagħna dik t'Eliżabetta. Mimlija bl-Ispirtu s-Santu (Lq 1,41), Eliżabetta hija l-ewwel minn għadd kbir ta' ġenerazzjonijiet li jsejħu lil Marija ħienja: "Ħienja dik li emmnet..." (Lq 1,45); Marija hija "mbierka fost in-nisa" għax emmnet fit-twettiq tal-kelma tal-Mulej (KKK, 2676).

## Qari mill-Kelma t'Alla

*Lettur 2: Mill-ktieb ta' Ġuditta*

U Għużżija qalilha: "Imbierka int, binti, minn Alla l-Għoli, imbierka fost in-nisa kollha tad-dinja; u mbierek il-Mulej Alla, li għamel is-smewwiet u l-art, li wasslek biex qtajt ras il-kap tal-għedewwa tagħna. It-tama li kellek ma tgħib qatt minn qalb il-bnedmin, huma u jiftakru fil-qawwa ta' Alla... Malli resqu lejha, bdew ifaħħruha lkoll b'leħen wieħed u jgħidulha: "Bik titkabbar Ġerusalemm! Bik jiftaħar Iżrael! Int il-foħrija tal-poplu tagħna! Għamilt dan kollu b'ħiltek! Għamilt il-ġid lil Iżrael, u dan għoġbu lil Alla! Tkun imbierka mill-Mulej, li jista' kollox, għal dejjem ta' dejjem!" U l-poplu kollu wieġeb: "Amen!"

Il-Kelma tal-Mulej...

*Kant: Alleluia (nibqgħu bil-qegħda)*

*Lettur 3: Mill-ktieb tal-Apokalissi*

Is-seba' anġlu daqq it-tromba; u ilħna qawwija nstemgħu fis-sema jgħidu: "Is-saltna tad-dinja saret ta' Sidna u tal-Messija tiegħu, u hu se jsaltan għal dejjem ta' dejjem." U l-erbgħa u għoxrin Xiħ, li kienu bilqiegħda fuq is-siġġijiet tagħhom quddiem Alla, inxteħtu għal wiċċhom jagħtu qima lil Alla u qalu: "Niżżuk ħajr, Mulej, Alla li tista' kollox, li int u li kont, talli ħadt il-qawwa l-

kbira tiegħek u bdejt issaltan. U nfetaħ it-tempju ta' Alla, li hemm fis-sema, u dehret l-Arka tal-Patt tiegħu fit-tempju tiegħu.

Il-Kelma tal-Mulej...

*Kant tas-Sliema (bil-wieqfa)*

**Talba**

*Ċel:* Inti imbierka fost in-nisa, o Veġni Marija: għax tal-Kelma li lqajt f'qalbek sirt dixxiplu; tal-Verb li lqajt fil-ġuf sirt omm; tal-Iben imwieled minn laħmek sirt għassiesa u għalliema. Inti imbierka fost in-nisa, o Verġni Marija: għax kont mara umli u fqajra, ħelwa u safja f'qalbek, bil-għatx għall-ġustizzja u kollok ħniena. O Verġni, mara tal-beatitudnijiet, imxi magħna fit-triq imdallma tal-fidi u għinna niskopru fid-diffikultajiet tal-istorja, l-preżenza kollha dawl ta' Kristu. Santa Marija, ħienja għax emmint, idħol għalina quddiem Ibnek.

***Ass:* Amen**

# 4

# "Imbierek il-frott tal-ġuf tiegħek"

**Introduzzjoni** *(bil-qegħda)*

*Lettur 1: "... imbierek il-frott tal-ġuf tiegħek, Ġesù".* Abraham, permezz tal-fidi tiegħu, sar barka għall-ġnus kollha tal-art. Permezz tal-fidi tagħha, Marija saret l-Omm ta' dawk li jemmnu, li grazzi għaliha n-nazzjonijiet kollha tal-art jirċievu lil dak li huwa l-barka nfisha ta' Alla: Ġesù, il-frott imbierek tal-ġuf tagħha (KKK, 2676).

**Qari tal-Kelma t'Alla**

*Lettur 2: Mill-ktieb tal-Ġenesi*

U l-Mulej qal lil Abram: "Qum u itlaq minn artek, minn art twelidek, u minn dar missierek, lejn l-art li jien nurik. U jien nagħmlek ġens kbir, inbierkek u nkabbarlek ismek, u int tkun barka. Jien inbierek lil min ibierkek, u nisħet lil min jisħtek. Wara dawn il-ġrajja ġiet il-kelma tal-Mulej lil Abram f'dehra u qallu: "La tibżax, Abram! Jiena tarka għalik; ħlasek ikun kbir ħafna." U ħarġu barra u qallu: "Ħares sewwa lejn is-smewwiet u għodd il-kwiekeb, jekk għandek ħila tgħoddhom." U żied jgħidlu: "Hekk għad ikun nislek." U hu emmen fil-Mulej, u dan għaddhulu b'ġustizzja.

Il-Kelma tal-Mulej...

*Kant: Alleluia (nibqgħu bil-qegħda)*

*Lettur 3: Mill-ktieb tal-Apokalissi*

U deher sinjal kbir fis-sema: Mara, liebsa x-xemx, bil-qamar taħt riġlejha, u b'kuruna ta' tnax-il kewkba fuq rasha. Hija kienet fit-tqala, u bdiet tgħajjat bl-uġigħ tal-ħlas u tbati biex teħles. U hi wildet iben, tifel, li kien għad irid jirgħa l-ġnus b'xettru tal-ħadid. U binha ġie maħtuf għal quddiem Alla u quddiem it-tron tiegħu.

Il-Kelma tal-Mulej...

*Kant tas-Sliema (bil-wieqfa)*

**Talba**

*Ċel:* Dixxendent ta' Adam huwa Ibnek, o Verġni Marija; dixxendenza ta' Abraham, min-nisel ta' David: fih jitwettqu l-wegħdiet antiki, bih huma mbierka l-ġnus kollha. Maqgħluq f'ġufek, tindukrah l-imħabba mbierka tal-Missier, jidilku b'dilka qaddisa l-Ispirtu divin, biex ikun ikkonsagrat b'żejt ta' ferħ, imbierek minn Alla għal dejjem. Inti o Marija art qaddisa fejn tinbet iż-żerriegħa tal-Kelma; int is-siġra tajba li tagħmel frott bnin; int għajn ħajja tal-barka tagħna. O Verġni mbierka, omm tal-frott imbierek, idħol għalina quddiem Ibnek.

***Ass: Amen***

*Nitolbu fis-skiet (bil-qegħda)*

***********************************************

# IT-TIENI TAQSIMA: VANĠELU

*Kant tal-Alleluia (bil-wieqfa)*

*Ċel: Mill-Vanġelu skont San Luqa*

Imbagħad fis-sitt xahar Alla bagħat l-anġlu Gabrijel f'belt tal-Galilija, jisimha Nazaret, għand xebba, mgħarrsa ma' raġel jismu Ġużeppi mid-dar ta' David. Dix-xebba kien jisimha Marija. L-anġlu daħal għandha u qalilha: "Sliem għalik, mimlija bil-grazzja, il-Mulej miegħek." Hi tħawdet ħafna għal dan il-kliem, u bdiet taħseb bejnha u bejn ruħha x'setgħet qatt tfisser din it-tislima. Iżda l-anġlu qalilha: "Tibżax, Marija, għax inti sibt grazzja quddiem Alla. Ara, inti se tnissel fil-ġuf u jkollok iben u ssemmih Ġesù. Hu jkun kbir, u jkun jissejjaħ Bin l-Għoli. Il-Mulej Alla jagħtih it-tron ta' David missieru u jsaltan għal dejjem fuq dar Ġakobb, u ma jkunx hemm tmiem għas-saltna tiegħu." Iżda Marija qalet lill-anġlu: "Kif ikun dan, ladarba ma nagħrafx raġel?" Wieġeb l-anġlu u qalilha: "L-Ispirtu s-Santu jiġi fuqek, u l-qawwa tal-Għoli tixħet id-dell tagħha fuqek. U għalhekk dak li jitwieled minnek ikun qaddis, u jissejjaħ Bin Alla. Ara, il-qariba tiegħek Eliżabetta, fi xjuħitha, hi wkoll nisslet iben fil-ġuf, u ġa għandha sitt xhur dik li għaliha kienu jgħidu li ma jistax ikollha tfal, għax għal

Alla ma hemm xejn li ma jistax isir." Imbagħad qalet Marija: "Ara, jiena l-qaddejja tal-Mulej: ħa jsir minni skont kelmtek!" U l-anġlu telaq minn quddiemha.

Il-Kelma tal-Mulej...

*********************************************

# IT-TIELET TAQSIMA: QADDISA MARIJA

*(Bil-qegħda)*

**1**

## "Qaddisa Marija"

*Ċel:* Qaddisa fit-tnissil pur tiegħek mingħajr tebgħa, għaxqa tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu.

***Ass:* Inti Marija l-Omm qaddisa tal-Mulej.**

*Ċel:* Qaddisa fit-twelid tiegħek, ferħ tal-patrijarki u fergħa miz-zokk ta' Ġesse, bidu tas-salvazzjoni: fik ġie qrib il-mistenni mill-ġnus kollha.

***Ass:* Inti Marija l-Omm qaddisa tal-Mulej.**

*Ċel:* Qaddisa fit-tħabbira tal-Anġlu: qaddejja umli tal-Mulej, fil-qalb u l-ġuf verġinali lqajt għalina l-Verb ta' Alla.

***Ass:* Inti Marija l-Omm qaddisa tal-Mulej.**

*Ċel:* Qaddisa fil-maternità verġinali tiegħek, fekondata min-nifs divin, omm tal-Qaddis t'Alla.

**Ass: Inti Marija l-Omm qaddisa tal-Mulej.**

*Ċel:* Qaddisa fiż-żjara lil Eliżabetta, int profetessa taż-żminijiet ġodda, arka tar-rabta l-ġdida, sħaba mimlija bil-Vanġelu u bil-grazzja.

**Ass: Inti Marija l-Omm qaddisa tal-Mulej.**

*Ċel:* Qaddisa, fit-tieġ ta' Kana: permezz tal-interċessjoni fiduċjuża tiegħek, jimtlew bil-misteru l-ġarar, bħal qalbek bil-ħniena.

**Ass: Inti Marija l-Omm qaddisa tal-Mulej.**

Ċel: Qaddisa ħdejn is-siġra tas-salib: xhud tal-maħfra mogħtija, tad-demm imxerred u tal-Ispirtu li ngħata.

**Ass: Inti Marija l-Omm qaddisa tal-Mulej.**

*Ċel:* Qaddisa ħdejn il-qabar vojt u fiċ-ċenaklu tar-riħ u n-nar, bidu tal-Għid, leħen jitlob tal-Knisja Verġni.

**Ass: Inti Marija l-Omm qaddisa tal-Mulej.**

*Kant tal-Qaddisa (bil-wieqfa)*

*(Bil-qegħda)*

## 2

## “Omm Alla”

*Ċel:* Omm Alla, inti Marija, qaddejja umli, omm il-Mulej, li s-sema u l-art ma jistgħux jesgħuh. F’ġieħ il-maternità singulari tiegħek nitolbuk bil-fiduċja:

***Ass:* Itlob għalina midinbin.**

*Ċel:* Omm Alla, inti Marija, Verġni ta’ Nazaret, omm il-Ħallieq: permezz tiegħu u minħabba fih kollox ġie maħluq. F’ġieħ il-maternità divina tiegħek nitolbuk bil-fiduċja:

***Ass:* Itlob għalina midinbin.**

*Ċel:* Omm Alla, inti Marija, l-għarusa mwegħda ta’ Ġużeppi, Omm glorjuża ta’ Kristu, saċerdot, profeta u sultan. F’ġieħ il-maternità messjanika tiegħek nitolbuk bil-fiduċja:

***Ass:* Itlob għalina midinbin.**

*Ċel:* Omm Alla, inti Marija, Verġni għaqlija, omm tal-Għerf etern, li ġie jgħammar fik. F’ġieħ il-maternità sponsali tiegħek nitolbuk bil-fiduċja:

***Ass:* Itlob għalina midinbin.**

*Ċel:* Omm Alla, inti Marija, Eva l-ġdida, omm il-Feddej li waqt li xerred demmu fuq is-salib ħallas il-prezz tal-

fidwa tagħna. F'ġieħ il-maternità salvifika tiegħek nitolbuk bil-fiduċja:

*Ass:* **Itlob għalina midinbin.**

*Ċel:* Omm Alla, inti Marija, Verġni tad-duluri, omm l-Imsallab, li f'mewtu ħatrek omm tal-ġnus kollha. F'ġieħ il-maternità paskwali tiegħek nitolbuk bil-fiduċja:

*Ass:* **Itlob għalina midinbin.**

*Ċel:* Omm Alla, inti Marija, oħtna, omm l-Għimmanuel, Alla magħna, għal dejjem ħuna, għal dejjem parteċipi fl-istorja umana. F'ġieħ il-maternità universali tiegħek nitolbuk bil-fiduċja:

*Ass:* **Itlob għalina midinbin.**

*Kant tal-Qaddisa (bil-wieqfa)*

*(Bil-qegħda)*

## 3

## Issa

*Ċel:* Itlob għalina, Omm qaddisa t'Alla, issa, fl-illum tagħna mċajpar u nieqes mit-tama.

*Ass:* **Itlob għalina issa u dejjem.**

*Ċel:* itlob għalina, Omm qaddisa t'Alla, issa, waqt li tinstema l-għajta anzjuża tal-eżiljat, il-biki tal-orfni u n-niket ta' min hu mtaqqal.

***Ass:* Itlob għalina issa u dejjem.**

*Ċel:* Itlob għalina, Omm qaddisa t'Alla, issa, fis-siegħa mnikkta tal-mibgħeda razzjali, tar-renju tal-vjolenza, tal-offiża għad-dinjità tal-bniedem.

***Ass:* Itlob għalina issa u dejjem.**

*Ċel:* Itlob għalina, Omm qaddisa t'Alla, issa, fil-mument li fih qed jinstema l-ħoss ikrah tal-gwerra, l-armi joqtlu vittmi innoċenti, il-ġuħ jeqred u joqtol.

***Ass:* Itlob għalina issa u dejjem.**

*Ċel:* Itlob għalina, Omm qaddisa t'Alla, issa, fi żminijietna, meta tinħass l-urġenza li l-Kelma tiġri u tqabbad in-nar tal-Imħabba.

***Ass:* Itlob għalina issa u dejjem.**

*Ċel:* Itlob għalina, Omm qaddisa t'Alla, issa, waqt li kullimkien jinfetħu għall-Knisja qaddisa orizzonti ġodda u mergħat oħra fejn titfa' ż-żerriegħa tal-Vanġelu.

***Ass:* Itlob għalina issa u dejjem.**

*Ċel:* Itlob għalina, Omm qaddisa t'Alla, issa, meta l-Ispirtu qed jaħdem u permezz tal-misteru tas-salib ibiddel il-wiċċ sfigurat tal-bniedem fil-wiċċ trasfigurat ta' Kristu.

***Ass:* Itlob għalina issa u dejjem.**

*Kant tal-Qaddisa (bil-wieqfa)*

*(Bil-qegħda)*

## 4

## "U fis-siegħa tal-mewt tagħna"

*Ċel:* Itlob għalina, Omm qaddisa t'Alla, fis-siegħa tal-mewt tagħna. Itlob fuqna omm tal-ħniena sabiex it-tbatija tal-mewt tkun sagrifiċċju ta' purifikazzjoni għal ħtijietna.

***Ass:* Itlob għalina fis-siegħa tal-mewt tagħna. Amen.**

*Ċel:* Itlob għalina, Omm qaddisa t'Alla, fis-siegħa tal-mewt tagħna. Itlob għalina omm it-tama qaddisa, sabiex il-mewt tagħna tkun mument ta' abbandun fl-idejn tal-Missier.

***Ass:* Itlob għalina fis-siegħa tal-mewt tagħna. Amen.**

*Ċel:* Itlob għalina, Omm qaddisa t'Alla, fis-siegħa tal-mewt tagħna. Itlob qrib tagħna, omm tal-ħajja, sabiex il-mewt tagħna tkun offerta qaddisa, magħquda mas-sagrifiċċju ta' Ibnek.

***Ass:* Itlob għalina fis-siegħa tal-mewt tagħna. Amen.**

*Ċel:* Itlob għalina, Omm qaddisa t'Alla, fis-siegħa tal-mewt tagħna. Itlob sabiex ġaladarba ngħaddu mill-punt tal-mewt, niġu milqugħa, ja Omm, fid-dar tad-dawl u s-sliem, fejn Ibnek jgħix u jsaltan immortali mal-Missier u mal-Ispirtu għal dejjem ta' dejjem.

***Ass:* Itlob għalina fis-siegħa tal-mewt tagħna. Amen.**

*Kant tal-Qaddisa (bil-wieqfa)*

*********************************************

# KONKLUŻJONI

**Kantiku tal-Beata Verġni Marija (Lq 1,46-55)**

*Ċel:* Qofol ta' din iċ-ċelebrazzjoni, ġiet imxandra lilna l-paġna ta' Luqa, li fiha l-anġlu Gabrijel, f'isem il-Mulej, iwassal lil Marija l-messaġġ ta' grazzja u salvazzjoni għall-umanità kollha.

Konklużjoni ta' din iċ-ċelebrazzjoni se jkun il-kant tal-Magnificat. Marija torjenta għall-glorja t' Alla t-tislima ta' Elizabetta: "Imbierka inti fost in-nisa" u "Hienja dik li emmnet li jseħħ kull ma bagħat jgħidilha l-Mulej", billi tinfexx tgħajjat: "Ruħi tfaħħar il-kobor tal-Mulej... Is-setgħani għamel miegħi ħwejjeġ kbar".

*Kant tal-Magnificat*

**Barka tal-aħħar**

*Ċel:* Ħa tkun fina lkoll ruħ Marija, biex inkabbru lil Mulej.

*Ass:* Amen

*Ċel:* Ħa jkun fina lkoll l-ispirtu ta' Marija, biex nifirħu fil-Mulej.

*Ass:* Amen

*Ċel:* Ħa tkun fina lkoll il-qalb ta' Marija, biex infaħħru l-ħniena tal-Mulej.

*Ass:* Amen

*Ċel:* U l-barka t'Alla li jista' kollox, il-Missier, l-Iben u l-Ispirtu s-Santu, tinżel fuqkom u tibqa' magħkom għal dejjem.

*Ass:* Amen.